**15 ta' Ottubru, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Michele Sciberras

*versus*

John Mary Pace et.

**Bejgħ ta' Laħam — Użu tal-Biċċerija — Polza tal-Piżatur — Prova**

*Huwa użu illi l-laħam li jinbiegħ fil-biċċerija jintiżen minn piżatur publiku, li jirrilaxxja polza li turi l-isem tal-bejjiegħ, l-isem tax-xerrej, il-kwalità tal-laħam mibjugħ, u l-piż. Il-polza tingħata lill-bejjiegħ, u f'idejgħ hija prova tal-bejgħ tal-ammont indikat lix-xerrej hemm indikat. Meta x-xerrej iħallas il-prezz tal-polza, din tiġi konsenjata lilu, u sservi ta' rċevuta.*

*Jekk il-bejjiegħ jiddipartixxi minn dan l-użu u jikkonsenja l-polza lill-bejjiegħ meta din ma tkunx imħallsa, jew ma tkunx imħallsa kollha, hu jisposta l-piż tal-prova, fis-sens illi jaqa' fuqu l-obligu li jipprova illi għad għandu jieħu l-ammont, jew xi parti minnu, indikat fil-polza, li ma baqgħetx f'idejh imma ġiet konsenjata lix-xerrej.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur talab illi l-konvenuti jiġu solidalment kundannati jħallsu lilu £550.2.7, bl-interessi kummerċjali sal-ħlas, bilanċ ta' somma akbar, dovuta għall-prezz ta' laħam lilhom fornit u ta' disgħa majjali lilhom stess mibjugħa. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' mpediment tas-safar tat-18 ta' Awissu 1959;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-5 ta' April 1962, li biha ddeċediet adeżivament għall-istanza, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti; wara li kkunsidrat;

Illi mir-relazzjoni tal-perit jirriżulta li l-ammont dovut mill-konvenuti lill-attur għar-raġunijiet indikati fl-att taċ-ċitazzjoni jikkorrispondi eżattament għas-somma ndikata fl-istess att, jiġifieri għas-somma ta' £550.2.7; kwantu għal £478.2.7 bilanċ ta' prezz ta' laħam fornit u konsenjat mill-attur lill-istess konvenuti, u kwantu għal £63 għall-prezz ta' disgħa majjali lilhom ukoll mill-attur mibjugħa; u dan għar-raġunijiet mogħtija mill-perit fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, li magħhom il-Qorti taqbel u tagħmilhom tagħha, non ostante l-osservazzjonijiet kuntrarji tal-konvenuti kontenuti fl-imsemmija nota tagħhom;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenuti, u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li dik is-sentenza tiġi riformata, fis-sens illi jiġi deċiż illi l-ammont dovut mill-konvenuti lill-attur huwa dak ta' £194.16.3, u mhux dak ta' £550.2.7 kif iddeċidiet l-Ewwel Qorti, u l-ispejjeż jiġu sopportati mill-partijiet skond ir-rebħ u t-telf rispettiv. Bl-ispejjeż tal-appell kontra l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-attur fiċ-ċitazzjoni jippretenda kreditu kontra l-konvenuti ta' £550.2.7. Minn dan l-ammont, £63 huma dovuti, skond kif xehed l-attur, għal disgħa majjali ħajjin li hu biegħ lill-konvenuti bis-£7 l-wieħed. Fuq din il-pretensjoni l-attur ma ġiex kontraddett mill-konvenuti. Dwarha, infatti, xejn kuntrarju ma jingħad da parti tal-konvenuti, la il-iskritturi u lanqas fix-xhieda. Għalhekk dan l-ammont ta' £63 hu ċertament dovut lill-attur;

Il-bilanċ ta' £487.2.7 hu pretiż mill-attur għall-prezz ta' laħam maqtul, mibjugħ u konsenjat lill-konvenuti mill-biċċerija. Għall-kuntrarju, il-konvenuti jissottomettu li huma għandhom jagħtu lill-attur £194.16.3 biss;

Verament, fl-ebda stadju tal-kawża, anqas sa issa stess, il-konvenuti ma spjegaw dettaljatament, b'riferenza għall-provi u d-dokument prodotti, kif suppost jirriżulta dan l-ammont ta' £194.16.3; iżda minn kif żvolġiet ruħha l-kawża, u speċjalment minn kif ġie mpustat u trattat l-appell, jidher illi l-pretensjonijiet tal-konvenuti huma dawn it-tnejn, ċjoè:—

1. Illi mis-somma reklamata mill-attur għandhom jonqsu dawk l-ammonti li fil-poloz eżibiti mill-attur huma riportati a debitu tagħhom bl-indikazzjoni "Remained Unpaid";

2. U għandu jonqos ukoll l-ammont (issa, bin-nota fol. 120 speċifikat għal £8.10.2½) li l-attur eżiġa bħala prezz għola minn dak fissat mill-liġi;

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel kwistjoni;

L-ammonti nvoluti huma ħamsa, ċjoè dawk rispettivament ta' £25 miġjub fuq id-dahar tal-polza nru. 898499 fil-pakkett I, ta' £65.6.6 miġjub fuq id-dahar tal-polza nru. 905668 fil-pakkett I, dak ta' £67.10.9 fuq id-dahar tal-polza nru. 915470 fl-istess pakkett, dak ta' £122.19.0 fuq id-dahar

tal-polza nru. 16693 fil-pakkett III, u dak ta' £21.11.5 fuq id-dahar tal-polza nru. 766667 fil-pakkett IV;

L-attur isostni illi dawn l-ammonti jirrappreżentaw bilanċi ta' sommom dovuti lilu fuq poloz oħra li hu kien ikkonsenja lill-konvenuti għalkemm kienu għadhom mhux skontati, jew mhux skontati nterament. Il-konvenut Giorgio Pace, fix-xhieda tiegħu, ċaħad din il-pretensjoni tal-attur. Il-perit legali maħtur mill-Ewwel Onorabbli Qorti wasal għall-konklużjoni li t-teżi tal-attur fuq dan il-punt hi fondata; u dik il-Qorti adottat dik il-konklużjoni;

Din il-Qorti, wara li ħasbet u eżaminat bir-reqqa, tinklina li taċċetta u fil-fatt taċċetta, l-oppożizzjoni tal-konvenuti għal tlieta mil-ħames ammonti fuq imsemmija, ċjoè dawk ta' £25, £122.19.0 u £21.11.5 kif sejjer jingħad;

Hu terren komuni illi l-użu tal-biċċerija hu illi l-laħam li jinbiegħ jintiżen minn piżatur publiku, li jirrilaxxja polza li turi l-isem tal-bejjiegħ, l-isem tax-xerrej, il-kwalità tal-laħam mibjugħ, u l-piż. Il-polza tingħata lill-bejjiegħ, u f'idejh hi prova tal-bejgħ tal-ammont indikat lix-xerrej hemm imsemmi. Meta x-xerrej iħallas il-prezz tal-polza, din tiġi konsenjata lilu u sservi ta' riċevuta. Dan l-użu ġie drabi oħra rikonoxxut mill-ġurisprudenza tagħna (ara p.e. Vol. XXXI-I-473);

Fil-każ preżenti, l-attur jgħid li ddipartixxa minn dan l-użu, u ġie li kkonsenja poloz lill-konvenuti, għalkemm ma jkunux tħallsu. It-teżi tiegħu hi li f'dawn il-każijiet kien iġiegħel li l-ammont li jkun għadu dovut fuq il-poloz hekk kunsinnati lill-konvenuti jiġi mniżżel fuq dahar ta' xi polza oħra li tkun għadha f'idejh, u dan l-ammont kien hekk jitniżżel billi kontra tiegħu jinkitbu l-kliem "Remained Unpaid";

Din il-Qorti taqbel, bla eżitazzjoni, mal-konvenuti illi l-piż tal-prova ta' din l-allegazzjoni tal-attur tmiss lilu, u li hu ma ssoddisfax dak il-piż;

Il-perit legali sposta l-piż tal-prova kuntrarja fuq il-konvenuti, għaliex irritjena illi dan ma kienx każ normali

fejn il-konvenuti kienu jħallsu regularment kull ġimgħa għax-xiri li kienu jkunu għamlu fil-ġimgħa ta' qabel, iżda għal xi żmien bdew iħallsu rregolarment per mezz ta' akkonti, u għalhekk bdew jinżammu il-kontijiet li kien jikteb fuq id-dahar tal-polza Piju Ebejjer. Dawn il-kontijiet, qal il-perit legali, kienu jinżammu għal żmien twil bil-mod li nżammu, bil-konoxxenza u kuntentizza tal-konvenuti, li saħansitra ġie li kkontrollawhom u ċċekkjawhom. Għalhekk, fil-fehma tal-perit legali, dawk il-kontijiet għandhom jiġu aċċettati bħala "prima facie" prova valida ta' dak li jirriproduċu, u "jekk il-konvenuti jridu jwaqqgħu l-kredibbilità jew korrettezza tagħhom, iridu jġibu huma provi konkreti biex juru illi fil-fatt dawk il-kontijiet huma foloz jew inkorretti" (fol. 85);

Għal dan ir-raġunament tal-perit hemm kritika finnota tal-konvenuti fol. 97, li fil-fehma tal-Qorti hi valida. L-attur ma għamelx risposta għal dik il-kritika, u din il-Qorti jidhrilha li tassew għaliha ma hemmx risposta;

Ma jista' jkun hemm ebda dubju illi Ebejjer kien l-iskrivan u nkarigat tal-attur u mhux tal-konvenuti. Il-fatt li l-konvenuti kienu jagħmlu l-ħlasijiet akkont lilu u kienu jafu li hu kien iżomm il-kontijiet għall-attur, u kienu jafu wkoll illi l-akkonti kien iniżżilhom fuq id-dahar tal-poloz, u talvolta kienu jiċċekkjaw miegħu, ma kienu bl-ebda mod jagħmluh inkarigat jew mandatarju tagħhom ukoll. Il-każ mhux divers minn dak ta' kull min ikollu kontatti u aċċess lejn il-kaxxier jew l-"accountant" ta' kummerċjant, bla ma b'daqshekk dak l-uffiċjal isir ukoll aġent jew rappreżentant tiegħu nnifsu;

L-iżball tal-perit legali hu illi ma żammx ċara u distinta quddiem għajnejh il-kwistjoni vera in kontroversja. Din tirrigwarda biss il-partijiet tal-kontijiet li, kif intqal, huma mniżżlin bħala "Remained Unpaid". Ċertament ilkonvenuti setgħu kienu konsapevoli illi Ebejer kien iżomm il-kontijiet fis-sens illi iniżżel fuq id-dahar tagħhom l-ammont tal-poloz u l-akkonti mħallsa. F'dan ma kien hemm xejn la anormali u lanqas fih innifsu kuntrarju għall-użu tal-biċċerija: anzi wieħed għandu jassumi li hu perfettament normali u konformi għal dak l-użu li jsir hekk, basta

li sakemm isir il-ħlas intier il-poloz jibqgħu f'idejn il-bejjiegħa; iżda ma hemm assolutament ebda ħjiel jew xintilla ta' prova fil-proċess illi l-konvenuti, li jinnegaw il-fatt tal-konsenja lilhom ta' poloz mhux imħallsa, qatt approvaw li Ebejjer iniżżel fil-kont tagħhom is-sommom reġistrati bħala "Remained Unpaid". "Din" hi l-anormalità u d-dipartita mill-użu, li għalhekk il-piż tal-prova tagħha kien fuq l-attur;

Bir-raġun il-konvenuti jirrilevaw illi, kuntrarjament għal dak li rritjena l-perit legali, ma hemm ebda illoġiċità jew insostenibbilità bejn il-pretensjoni tal-konvenuti, li għandhom jiġu akkreditati bl-ammonti li ġew reġistrati fuq il-poloz bħala mħallsin minnhom kollha, waqt li jikkontestaw ir-reġistrazzjonijiet tal-ammonti "remained unpaid". Il-ħlasijiet akkont reġistrati mill-inkarigat tal-istess attur ovvjament ma jistgħux jiġu diskonoxxuti minnu; imma dan ma jfisserx *illi l-konvenuti huma* mbgħad obligati, minn naħa *tagħhom, li jirrikonoxxu r-reġistrazzjonijiet kollha* li għamel dak l-inkarigat. Din hi distinzjoni mportanti li, kif *il-konvenuti* jilmentaw bir-raġun, il-perit legali ma għamelx. L-istess liġi tgħid illi l-kotba jew dokumenti ta' kummerċjant jikkostitwixxu prova kontra tiegħu anki meta huma miżmuma mhux skond il-liġi (art. 631 Proċ. Ċivili), kif ukoll li hi ammissibbli bħala prova kull ammissjoni kontra l-interess ta' min jagħmilha (art. 632). Għalhekk, fil-waqt illi r-reġistrazzjonijiet tal-akkonti mħallsin mill-konvenuti huma prova *kontra* l-attur, ir-reġistrazzjonijiet tas-supposti *sommom "remained unpaid"* ma hija ebda prova, lanqas "prima facie", favur tiegħu;

Issa, dwar il-pretenzjoni li dawk l-ammonti huma tassew dovuti għaliex, kontra l-użu, l-attur ġie li kkonsenja poloz li għad ma tħallsux, ma hemmx favur l-attur ħlief ix-xhieda tiegħu biss, miċħuda mill-konvenut Grazio Pace. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dak li qal il-perit legali (fol. 87) illi x-xhieda tal-attur hi sa ċertu pont korroborata mix-xhieda ta' *Pio Ebejer, li qal li l-attur kien qallu li ġie li kkonsenja poloz li jkunu* mhux imħallsa. Dak li l-attur stess qal lil Ebejer ma jistax, ovvjament, ikun korroborazzjoni tax-xhieda tiegħu nnifsu. Hemm każijiet meta kliem li tkun qalet persuna li wara tixhed jista' jitqies bħala kor-

roborazzjoni tax-xhieda tagħha, jew bħala parti mill-prova tar-"res gestae"; iżda dan mhux wieħed minn dawk il-każijiet. Mix-xhieda ta' Pio Ebejer jidher ċar illi l-ammonti mniżżlin bħala "remained unpaid" tniżżlu minnu fuq li qallu l-attur. In kontro-eżami (fol. 51) Ebejer qal hekk:— "Kull meta jiena kont inniżżel figura bil-kliem "remained unpaid" ħdejha, dan kont nagħmlu mingħajr ma jkolli l-poloz relattivi quddiemi imma għal'ex ikun qalli l-ammont l-attur". Kif ser jingħad aktar il-quddiem, kien hemm każijiet fejn Ebejer niżżel bħala "remained unpaid" sommom li kienu rriżultaw lilu stess bħala bilanċi dovuti fuq gruppi ta' poloz li kienu għadhom f'idejn l-attur. Iżda din hi kwistjoni diversa, li. kif sejjer jiġi rilevat, tkompli anzi tindebbolixxi l-pretensjoni tal-attur;

Anqas jista' ġustament jingħad kif qal il-perit legali, illi x-xhieda tal-attur dwar il-punt in eżami hi b'xi mod korroborata mix-xhieda ta' Carmelo Farrugia. Veru li dan ix-xhud qal li l-attur ġie li bagħtu b'xi polza għand Pio Ebejer biex jaqtagħlu somma li l-konvenut kien ikun ħallas akkont, u wara li Ebejer kien jaqta' s-somma fuq il-polza hu kien jikkonsenjaha lill-konvenut Grazio Pace; iżda fil-kontro-eżami Farrugia żied jgħid illi hu ma jafx kienx ikun fadal xi flus biex jitħallsu f'dawk l-okkażjonijiet meta taha lil Grazio Pace (fol. 52);

Iżda x-xhieda tal-attur dwar dan il-punt,mhux talli ma hi korroborata bl-ebda mod. iżda talli, fil-fehma tal-Qorti, hi kontraddetta minn żewġ ċirkustanzi tal-aqwa mportanza, li evidentement sfuġġew lill-perit legali. L-ewwel waħda hi din.........;

It-tieni ċirkustanza hi forsi aktar elokwenti. u tiċħad, oltre x-xhieda tal-attur, anki dik ta' Ebejer stess fuq il-punt importanti. Ebejer xehed.........;

F'dawn iċ-ċirkustanzi kollha. l-anqas li jista' jingħad huwa illi l-attur għar-rigward ta' dawn it-tliet partiti, dawk ċjoè fuq imsemmija, ta' £25...... ta' £122.19.0...... u ta' £21.11.5. ma ppruvax il-pretensjoni tiegħu. Iż-żewġ ammonti l-oħra ta' £65.6.6 u ta' £67.10.9. huma dovuti mill-konvenuti, għax, għalkemm murija bl-indikazzjoni

"remained unpaid", fil-fatt mhumiex ħlief riport ta' poloz li għadhom f'idejn l-attur, u favur tiegħu għar-rigward tagħhom hemm għalhekk l-użu tal-biċċerija fuq imsemmi. Iżda t-tliet ammonti l-oħra, fil-fehma tal-Qorti, mhumiex dovuti, għaliex il-poloz tagħhom mhumiex f'idejn l-attur, u hu ma ppruvax li hu veru li hu kien jikkonsenja lill-konvenuti poloz għad mhux imħallsa;

*Omissis;*

Għalhekk, mis-somma ta' £487.2.7 misjuba mill-perit legali bħala għadha dovuta lill-attur skond il-poloz, iridu jonqsu dawk it-tliet ammonti, li jilħqu b'kollox £169.10.5, u l-bilanċ jiġi ta' £317.11.2;

Il-konvenuti jippretendu wkoll li għandu jitnaqqas ammont ieħor ta' £8.10.2½ minħabba prezz għola minn dak fissat mill-liġi li eżiġa l-attur. Apparti l-ammont, li issa biss ġie speċifikat, din kienet waħda mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti mogħtija sa mill-bidu. Il-perit legali ġustament ma daħalx fil-kwistjoni, għaliex, kif osserva fol. 89, sa dak l-istadju l-konvenuti ma ġiebu ebda prova biex juru illi l-prezz tal-laħam li jirrappreżentaw il-poloz eżibiti kien fil-fatt għola. Issa, però, kif intqal, bin-nota tagħhom fol. 117, il-konvenuti ndikaw l-ordni statutorju li kien iffissa l-prezz fl-epoka rilevanti, u b'nota oħra fol. 119 speċifikaw il-partiti, b'riferenza għall-poloz eżibiti, tal-eċċess;

L-appellat ma kkontestax dawn l-indikazzjonijiet; iżda hu ssottometta, dwar dan il-punt, illi fil-petizzjoni tal-appell ma hemm dedott ebda aggravju fuq il-pretensjoni ta' prezz eċċessiv, u anki l-ammont ammess mill-appellanti bħala dovut huwa bażat fuq il-prezzijiet mifthema, indipendentement minn kull eċċess; u dan ikompli juri li din il-kwistjoni mhix fl-appell (ara verbal fol. 116);

Il-Qorti hi ta' fehma illi din id-deduzzjoni tal-appellat hi ġusta. L-eċċess tal-prezz fil-petizzjoni tal-appell ma jissemma mkien. Għall-kuntrarju fiha jingħad testwalment illi l-ammont dovut minnhom għandu jiġi ridott għal

£194.16.3, "li hu l-ammont tal-poloz miżmuma mill-attur appellat wara li jitnaqqsu l-akkonti mħallsa". Dan vwoldiri illi bl-appell huma ma ppretendew ebda tnaqqis għall-eċċess tal-prezz, u in kwantu s-sentenza appellata rriġettat dik l-eċċezzjoni tagħhom għandu jitqies li huma akkwijetaw ruħhom għaliha. Bl-appell l-unika ħaġa li ppretendew u talbu hu t-tnaqqis tal-akkonti li huma ħallsu;

Kif ġa ntqal fil-bidu, oltre għall-ammont dovut lill-attur għall-prezz ta' laħam mill-biċċerija hu wkoll dovut lilu ammont ta' £63 għall-prezz ta' disgħa majjali ħajjin, li dwarhom l-appellanti ma qajmu ebda kontestazzjoni. Kwindi, it-total dovut lill-attur hu ta' £380.11.2;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-konvenuti, però limitatament, fis-sens li tirriduċi għas-somma ta' £380.11.2 l-ammont kollu dovut lill-attur, ċjoè kwantu għal £317.11.2 bilanċ ta' prezz ta' laħam fornit u konsenjat lilhom mill-attur, u kwantu għal £63 prezz ta' disgħa majjali ħajjin lilhom ukoll mibjugħa u konsenjati mill-attur, u sa dak l-ammont biss tilqa' t-talba tal-attur kif magħmula fiċ-ċitazzjoni, u tiċħadha għall-bqija; u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-prima istanza jitħallsu skond ir-rebħ u t-telf rispettiv kif issa stabbilit. Dawk tal-appell jitħallsu żewġ terzi mill-konvenuti u terz mill-attur.